Mellieħa

18 ta' Novembru 2021

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 34**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **34** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta 21 ta' Diċembru 2021 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

34.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

34.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

34.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

34.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

34.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' onorefiċenzi;

34.6. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2021;

34.7. Estimi Finanzjarji 2022;

34.8. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi;

34.9. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

## MOZZJONI

**34.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku Dario Vella, li tgħid:**

*"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f'xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;*

*Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fis-16 ta' Novembru 2021, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skont ir-rapport tal-istess Bord tat-30 ta' Novembru 2021, liema rapport ġie diskuss waqt laqgħa nformali tal-Kunsill li saret fit-2 ta' Diċembru 2021; u*

*Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet; u*

*Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";*

*Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:*

- *Ir-Reverendu Mario Dimech – Reliġjuż;*

*filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":*

- *Is-Sur Stephen Xuereb – Tmexxija Korporattiva;*
- *Is-Sur John Sammut – Artiġġjanat Tradizzjonali;*
- *Noah's Ark Animal Sanctuary – Volontarjat b'rabta mal-Benesseri tal-Annimali;*

*Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":*

- *Lis-Sur Anthony Valletta – Volontarjat b'rabta mal-Patrimonju Mellieħi;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fil-laqgħa tat-2 ta' Diċembru 2021, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021, f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Mellieħa.".*

| | |
|---|---|
| Dario Vella<br>Sindku (Proponent) | I. Castillo<br>Kunsillier (Sekondant) |